**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 046/2017**

**JH (l-ilmentatrici)**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-20 ta' Frar 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tghid li l-ilment taghha huwa dwar it-telf ta' kapital ta' €8,497.55, u dhul mill-istess investiment li sar mill-ilmentatrici fil-*Keydata Lifemark SIB* fil-21 ta' Ottubru 2008, ghall-valur ta' €10,000, fuq parir tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentatrici tallega li l-provditur tas-servizz ma agixxiex fl-ahjar interess taghha kif mitlub mir-regim regolatorju applikabbli, kif ukoll naqas mill-obbligi fiducjarji tieghu fil-konfront taghha, inkluz obbligi naxxenti minn Artikoli 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan minhabba li l-provditur tas-servizz taha parir biex tinvesti f'investiment kumpless u ta' rikju gholi li ma kienx *suitable* ghac-cirkostanzi personali u l-esperjenza precedenti tal-ilmentatrici fl-investimenti u l-attitudni ta' riskju taghha.

Tilmenta li l-provditur tas-servizz approfitta ruhu min-nuqqas ta' esperjenza taghha billi ghaggilha biex tiffirma formoli minghajr dawn ma gew moqrija u spjegati lilha; liema formoli kienu intizi biex jaghtu protezzjoni lill-istess

provditur tas-servizz kontra l-*misselling* li kien qed jaghmel u li kienu wkoll iservu ta' ezoneru ghalih billi jillimitaw ir-riskju legali tieghu a skapitu tal-ilmentatrici.

L-ilmentatrici tallega li l-provditur tas-servizz naqasha meta zamm mistur ir-riskji li kien igorr l-investiment *asset backed* bhal dak rakkomandat u mixtri ghan-nom taghha.

Barra minn dan, il-provditur tas-servizz naqas ukoll milli jaghtiha kopji tad-dokumenti tas-*Suitability Test* u dokumenti ohra li kienet iffirmat, agir li jmur kontra l-principji bazilari stabbiliti fi '*prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi'.*

Kif ukoll ma tahiex rendikont tar-remunerazzjoni li kien qed jircievi ghas-servizzi tieghu, kif mistenni jaghmel bhala ISP licenzjat skont ir-regim regolatorju u skont il-Kodici Civili bhala fiducjarju.

Bil-komportament tieghu, il-provditur tas-servizz ma adempixxiex l-obbligi kuntrattwali tieghu meta l-agir tieghu kien jikkostitwixxi f'negligenza, *culpa lata* u *recklessness* u, ghalhekk, huwa hati ta' *investment misselling* u dan meta l-investiment li nbieghilha ma kienx kompatibbli mac-cirkostanzi personali taghha, mal-objettivi finanzjarji taghha u lanqas mal-attitudni tar-riskju taghha u, ghalhekk, ma setax jitqies li kien *suitable* ghaliha.

Peress li l-investiment ma kienx in linja mat-taghrif fl-investiment u l-esperjenza fl-investiment tal-ilmentatrici, ma kinetx f'pozizzjoni li tifhem ir-riskji involuti f'dak l-investiment u, ghalhekk, ma setghetx tiehu decizjoni infurmata dwaru.

Illi ma sar l-ebda *due diligence* bil-ghaqal tal-prodott qabel dan gie mibjugh lill-ilmentatrici kif ukoll ma sarx *Suitability Test* u, jekk sar, dan sar b'mod traskurat u minghajr il-hila, diligenza u kura kif kien jitlob il-kaz.

L-ilmentatrici titlob lill-Arbitru sabiex tigi kkumpensata b'mod li titpogga fis-sitwazzjoni finanzjarja taghha qabel investiet f'dan il-prodott billi tigi restitwita lilha s-somma ta' €8,497.55, flimkien mal-imghaxijiet kif kontenuti fl-istess ilment.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-servizz fejn jghid:**

1. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti ma hijiex il-legittimu kuntradittur tal-ilmentatrici, u hija s-

socjetà emmetrici estera *Lifemark S.A.* li ghandha twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentatrici u, ghaldaqstant, is-socjetà intimata ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment setghet garrbet l-ilmentatrici;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentatrici in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentatrici in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentatrici ittiehed b'xi qerq u/jew vizzju tal-kunsens (ara l-ahhar paragrafu f'pagna 4 tal-ilment, kif ukoll pagna 21 paragrafu numru 8) jew li ma kinetx informata bin-natura u riskji tal-investiment b'tali mod li kieku ma kinetx tidhol ghaliha;

5. Illi ai fini tal-ewwel talba u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-allegazzjoni tal-ilmentatrici illi s-socjetà intimata naqset mill-obbligi taghha versu l-ilmentatrici hija kkontestata; Illi s-socjetà intimata ma tistax tifhem ghalfejn l-ilmentatrici qieghda titlob ghal kopji certifikati ta' dokumenti li hi stess ipprezentat flimkien mal-ilment taghha bhala kopji certifikati (ara Dok 11, Dok 2 u Dok 5 li huma kollha kopji certifikati bid-dati tac-certifikazzjoni 7 ta' Awwissu 2013 u 19 ta' Lulju 2013); Illi ghalhekk it-talbiet u rimedji tal-ilmentatrici fl-Ewwel (1) Talba taghha ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante illi huma infondati;

6. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car illi l-ilment jittratta effettivament kwistjoni ta' telf fl-investiment; illi ghalhekk qed jigi eccepit il-*casus* in kwantu l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li ma kinetx tiggestixxi; u dan apparti l-fatt illi fornitur ta' servizzi finanzjarji jagixxi bhala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm kunflitt lampanti, u inkompatibilità bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet jgorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u ghaldaqstant it-talbiet tal-ilmentatrici m'ghandhomx jintlaqghu;

8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni (2) talba tal-ilmentatrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mxiet fl-ahjar interess tal-klijenti taghha b'mod gust, ekwu u ragonevoli u s-socjetà intimata ma naqsitx mill-obbligi legali u fiducjarji taghha meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) bieghet il-prodott '*Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 EUR – G'* fil-21 ta' Ottubru 2008 lill-ilmentatrici kif allegata minnha;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tielet (3) talba tal-ilmentatrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; is-socjetà intimata tirrespingi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-ilmentatrici illi hija ma adempjietx l-obbligi taghha, inkluz dawk kontrattwali jew li agixxiet b'negligenza grossolana, *culpa lata* u *recklessness* fit-twettiq tal-inkarigu taghha; illi minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjetà intimata tichad bl-aktar mod kategoriku illi l-komportament taghha *jikkostitwixxi investment misselling* kif allegat mill-ilmentatrici u tafferma illi fil-mument li l-ilmentatrici akkwistat l-investiment in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata minghand l-ilmentatrici stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjetà intimata jinbiegh lill-ilmentatrici;

10. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentaturi bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhijiex responsabbli versu l-ilmentatrici ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti minnha, u lanqas ma hija responsabbli ghal ebda kumpens jew

reintegrazzjoni la minhabba xi nuqqas fit-twettiq tal-obbligi legali taghha fil-konfront tal-ilmentatrici, la minhabba xi komportament negligenti u/jew agir abbuziv, la minhabba xi '*investment misselling*' u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentatrici u, ghalhekk, is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi ikkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentatrici u, ghalhekk, it-talbiet fl-ilment tal-ilmentatrici ghandhom jigu respinti;

11. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ir-raba' (4) u l-hames (5) talbiet tal-ilmentatrici ghall-imghaxijiet hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas l-imghaxijiet ma kienu garantiti mis-socjetà intimata u tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatrici ma tistax tassumi illi kieku investiet flusha f'investiment iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kienet ser taqla' xi imghaxijiet ghaz-zmien kollu tal-investiment taghha kif qed issostni l-ilmentatrici;

12. Illi bir-rispett kollu, s-sitt (6) talba ma hijiex kontemplata fil-Ligi u, ghaldaqstant, anke kieku dan it-Tribunal Arbitrali kellu jilqa' t-talbiet attrici l-ohra, din it-talba hija improponibbli u ma tistax tintlaqa';

13. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-ilmentatrici.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

L-ewwel eccezzjoni li jaghti l-provditur tas-servizz hija li m'huwiex il-legittimu kontradittur izda ghandha twiegeb il-kumpanija estera li harget il-prodott *Lifemark SIB*. Din l-eccezzjoni mhix ser tigi milqugha ghaliex l-ilment huwa dwar l-imgiba tal-provditur tas-servizz bhala kumpanija li toffri servizzi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u hija *Licenceholder* tal-*MFSA.*

L-ilment mhuwiex dwar il-gestjoni hazina *o meno* tal-prodott izda dwar il-fatt li l-provditur tas-servizz ma tax parir tajjeb lill-ilmentatrici u bieghilha prodott li ma kienx addattat ghaliha. Barra minn hekk, kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz kif johrog minn diversi dokumenti fl-atti tal-kaz bhall-*Purchase Contract Note*[1] li jikkonfermaw dan.

Ghalhekk, galadarba kien hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz, il-provditur tas-servizz huwa il-legittimu kuntradittur.

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qed jaghti tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni, ibbazati fuq l-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna stabbilew diversi regoli sabiex jitfghu dawl fuq dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar dan l-istitut.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tigi milqugha, ikun ifisser li l-kaz ikollu jieqaf u, ghalhekk, tkun qed tittermina l-kaz. Proprju minhabba f'hekk li l-ligi, u anke l-gurisprudenza, jridu li qabel xejn, min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha.

L-eccezzjoni numru erbgha tirreferi ghall-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 li jipprovdi dwar preskrizzjoni ta' azzjoni ta' '*rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ecc.'*

F'dan il-kaz m'hijiex tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, din l-eccezzjoni hija irrelevanti ghall-kaz in kwistjoni u qed tigi michuda.

Eccezzjoni ohra dwar preskrizzjoni hija dik kontemplata mill-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jghid li

> '*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali, jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni, imma '*ex delictu vel quasi*'.

---

[1] *A fol.* 104

Meta d-danni huma '*ex contractu*' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.[2]

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et* deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

> *'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali.' (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*.

F'dan il-kaz kien hemm obbligazzjoni kuntrattwali u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 ma tistax tregi. F'dan il-kaz inbiegh prodott finanzjarju, kif jirrizulta minn diversi dokumenti, fosthom, il-*Purchase Contract Note*[3] u, ghalhekk, sehhet tranzazzjoni kummercjali bejn il-partijiet. Galadarba r-rimedju mitlub mhux indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-Arbitru jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet: ***Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd. deciza* fl-1 ta' Gunju 2017,** fejn gie deciz li dawn it-tranzazzjonijiet huma ta' natura kuntrattwali.

L-eccezzjoni l-ohra dwar preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 li jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal:

> '*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku'*.

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '***Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*', (Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 –Vol LXXXII.II.71),** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn htija akwiljana

---

[2] *Go p.l.c. vs Charles Dimech*, PA, 28/07/2011
[3] *A fol.* 104

(fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn), u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin).[4]

Ghalhekk l-Arbitru jrid jikkonsidra jekk dan il-kaz hux preskritt *ai termini* tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

   Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe*',

   *'Hija regola ewlenija fil-proceduri li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq';*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.

   Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza '*Causon vs Sheibani noe*' illi:-**

   ***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le'.***

[4] Ara wkoll, '*Emanuele Cassar vs Marija Ciappara*' (Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 1953)

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

   ***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:***

   ***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[5]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentatrici skadilhiex iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghet tezercita l-azzjoni.

Huwa l-provditur tas-servizz li jrid jipprova dan.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-provditur tas-servizz jghid li l-perjodu tal-preskrizzjoni kellu jibda jghodd mill-21 t'Ottubru 2008, jigifieri mid-data tal-bejgh tal-prodott.

Din id-data indikata mill-provditur tas-servizz ma tistax tkun id-data minn meta oggettivament l-ilmentatrici setghet taghmel l-azzjoni ghal diversi ragunijiet. Qabel xejn, bejgh ta' prodott finanzjarju huwa differenti hafna minn bejgh ta' prodott iehor. L-effikacja u l-idonjetà ta' prodott finanzjarju fil-konfront tal-klijent hafna drabi tkun tista' tigi evalwata mill-istess klijent wara t-trapass ta' certu zmien u gudikat mill-andament tal-prodott.

Li kieku kull min jixtri prodott finanzjarju jibda mill-ewwel jiehu passi legali kontra min bieghulu, jkun hawn dizgwid kbir f'dan is-settur u zgur li l-provditur tas-servizz ikollu ragun jilmenta li l-azzjoni tkun wahda intempestiva jekk mhux vessatorja.

[5] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited,* PA, 12/10/2004

Ghalhekk il-mument oggettiv li fih l-ilmentatrici setghet taghmel l-azzjoni ma jistax ikun il-mument tal-bejgh tal-prodott u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova l-mument minn mindu l-ilmentatrici setghet taghmel l-azzjoni u, ghalhekk, ma rnexxilux jipprova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, kif inhu obbligat li jaghmel.

Ghall-kompletezza, tajjeb jigi nnotat li minkejja li tissemma l-ittra tal-5 ta' Marzu 2010,[6] f'din l-ittra il-provditur tas-servizz jispjega li lanqas hu ma kien irnexxielu jikseb l-informazzjoni mehtiega u wieghed lill-ilmentatrici li:

> '… *will continue to endeavour to do so on your behalf. We assure you that as soon as we have more information we will immediately update you accordingly'.*

Fid-dawl ta' din l-ittra, ma jistax jinghad li l-ilmentatrici setghet taghmel azzjoni fl-2008 meta xtrat il-prodott. Jekk il-provditur tas-servizz ma setax jiehu decizjoni ghax kien ghadu qed jistenna informazzjoni ulterjuri, kif setghet l-ilmentatrici tiehu azzjoni galadarba kienet qed tistenna lill-istess provditur tas-servizz jaghtiha l-informazzjoni mehtiega?

Bdew isiru pagamenti akkont minn Novembru 2013, u kien proprju fid-29 ta' Jannar 2016, li sar l-ahhar pagament fejn intqal lill-ilmentatrici li dan kien l-ahhar pagament li setghet tircievi.[7]

Ghalhekk kollox juri li l-azzjoni mill-ilmentatrici ma setghetx issir kif jghid il-provditur tas-servizz mal-bejgh tal-prodott *de quo.*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

Dwar il-kwistjoni tal-*casus* li jsemmi l-provditur tas-servizz, din l-eccezzjoni hija irrelevanti ghall-kaz ghaliex l-ilmentatrici mhix tikkontesta l-gestjoni tal-prodott imma l-imgiba tal-provditur tas-servizz li, fil-fehma taghha, ma messux bieghilha dan il-prodott. Ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

Dwar is-seba' eccezzjoni m'hemm xejn kontraddittorju fl-ilment ghaliex l-ilmentatrici qed tghid li l-provditur tas-servizz naqasha meta bieghilha prodott li

---

[6] *A fol.* 622
[7] *A fol.* 141-145

ma kienx addattat ghaliha u qieghda titlob rimedju lill-Arbitru li jista' jaghti kumpens *ai termini* tal-Artikolu 26 (3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[8]

L-ilmentatrici qed titlob li tinghata l-flus li tilfet meta l-provditur tas-servizz bieghilha l-prodott ***Keydata Lifemark SA Secure Income Bond Series 4 Eur*** **(*SIB*).**

l-provditur tas-servizz jichad dan u, fost affarijiet ohra, jghid li mexa skont l-obbligi li kellu lejha u li huwa mexa maghha b'mod gust, ekwu u ragonevoli u ma naqasx mill-obbligi fiducjarji u legali tieghu, kif ukoll m'agixxiex b'negligenza u s-servizz li taha ma jikkostitwixxix *investment misselling.*

Sabiex l-Arbitru jasal ghal decizjoni li tkun ekwa, gusta u ragonevoli, u jara jekk l-ilment huwiex gustifikat, irid jara n-natura tal-prodott mibjugh, jara l-profil tal-ilmentatrici u kif gie mibjugh dan il-prodott.

**Il-Prodott**

Dan il-prodott, l-*SIB,* kien ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Dan il-kaz jittratta dwar il-bejgh tal-prodott *Keydata International Secure Income Bond, Issue 4 (SIB),* li kif jidher mill-*brochure* ipprezentat mill-ilmentatrici,[9] ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghall-perjodu ta' hames snin.

L-*SIB* kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities.* Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettall tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu ), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

[8] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)

[9] *A fol.* 87 *et seq*

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kinetx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur. Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u b'hekk il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura lanqas wiehed jistenna li *retail investor,* bhalma hi l-ilmentatrici, ma kienet f'qaghda li taghmel dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.**

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB,*[10] jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

> *'Aims to provide return of capital after 5 years:*
>
> *Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*
>
> *Quarterly income option available'*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però, l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

> Taht it-titolu, [11] ***Benefits at a Glance***, hemm dan it-test**:**
>
> *> An investment with NO Stock Market Exposure*

[10] *Ibid.*

[11] *A fol.* 91

*> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*

*> Available via banks, stockbrokers and direct investment*

*> Low minimum investment – Only GBP10,000/USD20,000/ €10,000*

*> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*

*> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg.'*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira:

  ***'A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls'.***

- Fil-qiegh ta' pagna 9 hemm dan il-kliem:

  '*Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section 'Key Features" on page 13.'*[12]

Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien ser imur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji kif deskritti forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kinux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB*, kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad *with the benefit of hindsight,* imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-

[12] *A fol.* 95

istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kienet l-ilmentatrici .

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta l-*MFSA*, li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbieghu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget: *Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities* bhalma hu l-*Lifemark*, fejn qalet:[13]

> '*The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in "bonds" or "fund acccounts" whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*
>
> *Despite the fact that they may be promoted as "alternative" to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment……..'*
>
> *'When it comes to redemption (selling) of these investments, these…restrict the investor from selling his holdings before the investment matures…*
>
> ***Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks.'***

Huwa minnu li dan l-avviz lill-investituri hareg wara li nbiegh il-prodott *de quo* lill-ilmentatrici, imma li qalet l-*MFSA* kien proprju deskrizzjoni tal-prodotti li

[13] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (ref. 05/2009)

kienu qed jinbieghu (bhal *SIB*) u r-riskji li rat l-*MFSA* kienu digà jezistu fil-prodotti li nbieghu, u li l-provdituri tas-servizz kienu jew konxji taghhom u xorta bieghu il-prodotti, jew m'ghamlux *due diligence* serju tal-prodott qabel ma bieghuh.

Fiz-zewg xenarji, il-provditur tas-servizz igorr ir-responsabbiltà tal-prodott li jbiegh.

**Kif inbiegh il-Prodott u jekk kienx addattat (*suitable*) ghall-Ilmentatrici**

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatrici**

Tghid li f'Lulju 2008, hija kienet marret it-*Trade Fair* u waqt li kienet qed iddur f'dan il-post marru fuqha rapprezentanti tal-provditur tas-servizz u qalulha jekk riditx ikellmuha fuq –*'il-prodott preferut taghna',* jigifieri l-*Keydata Lifemark Secure Income Bond.*

Il-prodott gie spjegat lilha bhala '*winner*' u wrewha kemm *awards* kien rebah. Hadulha l-*particulars* taghha u qalulha li ser jergghu ikellmuha u, sussegwentement, cemplulha biex tmur fil-fergha ta' Hal Qormi fejn kellmitha Noeline Mangion fuq dan il-prodott.

L-ilmentatrici insistiet maghha li ma riditx prodott li tirriskja l-kapital ghaliex il-flus li kienu gemmghu riduhom ghall-edukazzjoni ta' bintha li kienet fis-*6th Form* u kellha l-hsieb li tidhol l-Università. Mangion qaltilha li dan kien prodott sikur u kellha sserrah rasha.

Sussegwentement, Mangion haditilha l-firem fuq diversi dokumenti u nvestitilha s-somma ta' €10,000. Ma inghatatilha l-ebda kopja tad-dokumenti li kienet iffirmat u l-ebda dokument ma gie moqri lilha.

Inghatat biss it-*Terms of Business Agreement* u l-ircevuta. Fl-2011hadet qatgha meta irceviet ittra minghand il-provditur tas-servizz li qalilha li l-imghaxijiet u l-hlas tal-kapital kienu sospizi u l-kumpanija kellha diffikultajiet finanzjarji.

Wara li kitbet u tkellemt mal-provditur tas-servizz, li ma taha l-ebda rimedju, fl-2014 intavolat ittra ufficjali fil-Qorti u kellmet lill-*MFSA* li ddecidiet li l-ilmentatrici kellha tinghata l-kapital lura. Izda, peress li l-*MFSA* setghet biss tirrakkomanda, il-*GlobalCapital* ma onoratx din id-decizjoni.

Hija tghid li kellha telf kapitali ta' €8,497.55

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehed biss Michael Schembri, li qal li ma kienx involut fit-tranzazzjoni mertu tal-kaz, izda xehed biss minn dak li sab fil-*file*. Il-persuni li bieghu il-prodott ma ngabux biex jixhdu. Fil-fatt, waqt il-kontro-ezami l-istess Michael Schembri xehed li hu ma kienx kellem lil min kien involut f'din it-tranzazzjoni u semma li ma kellimx lil Noelene Mangion, lil Erica Caruana u lanqas lil J.M. Rusher izda xehed biss mill-*file.*[14]

Fl-*affidavit* tieghu, Michael Schembri, jaghmel referenza ghall-*File Note* datata 21 t'Ottubru 2008, DOK 5, u jghid li dan id-dokument jirrifletti l-punti principali tad-diskussjoni li saret meta inghata s-servizz ta' investiment. Dan id-dokument gie iffrimat mill-klijenta bhala konferma tal-kontenut tieghu. Dan id-dokument jinzamm ukoll biex jottemporaw ruhhom mar-regoli tal-*MFSA*.

Jghid ukoll li l-ilmentatrici kienet digà midhla tad-dinja tal-investimenti ghaliex kellha investimenti ohra. Mill-*File Note* tal-investiment *SIB* jirrizulta li l-impjegati tal-provditur tas-servizz kienu indikaw diversi prodotti lill-ilmentatrici. Minn dan id-dokument jirrizulta wkoll li gew spjegati r-riskji involuti. Bil-firma taghha l-ilmentatrici ikkonfermat li hija kienet taf li l-investiment seta' jitla' u jinzel u li wkoll setghet ma tiehux lura is-somma li investiet.

Jghid ukoll li fil-mument li sar l-investiment fl-*SIB,* dan l-investiment ma kienx meqjus bhala soggett ghal riskju gholi. L-ilmentatrici kienet accettat il-kontenut ta' dawk id-dokumenti billi iffirmathom. [15]

Filwaqt li l-ilmentatrici dehret quddiem l-Arbitru u bil-gurament taghha qalet x'gara, il-provditur li kellu l-opportunità li jtella' bhala xhieda lil min biegh il-prodott, intenzjonalment ghazel li dan ma jaghmlux u strah specjalment fuq il-*File Note* (*DOC C*) u jghid li din tirrifletti dak li gara.

Waqt il-kontroezami, l-istess xhud jghid li is-servizz moghti kien *advisory* u li r-riskju tal-ilmentatrici kien '*relatively cautious with limited risk.'* Dwar il-*loss absorption capacity* taghha jghid li l-*File Note* turi x'kien sar waqt il-laqgha. Jghid li hu ma kkunsidrax il-valur tal-investiment ma' x'kienet tiflah, però, hares biss lejn il-prodott u ra li kien *low risk* meta nbiegh.

---

[14] *A fol.* 627

[15] *A fol.* 340 *et seq*

Mistoqsi jekk l-ilmentatrici kellhiex esperjenza f'*asset-backed securities* bhal dan il-prodott jghid li '*m'hemmx evidenza li l-ilmentatrici kellha asset-backed securities'.*[16]

L-Arbitru ra sew din il-*File Note* li hija *small print document* u, essenzjalment, hija dokument ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz. Hija ibbazata fuq *'disclaimers'* u, kif xehed l-istess Michael Schembri, kellha wkoll l-iskop li tissodisfa rekwiziti regolatorji.

Il-provditur tas-servizz, li kien f'qaghda negozjali superjuri ghall-ilmentatrici, kellu l-obbligu li jaqra u jispjega sew dan id-dokument, u l-ahjar prova li seta' gab kienet tkun ix-xhieda ta' min biegh il-prodott biex jghid verament x'ghamel. Izda, l-provditur ghazel li dan ma jaghmlux. Mhux hekk biss, il-provditur tas-servizz ammetta li lanqas biss kellimhom sabiex jara x'gara.

Ghalhekk il-verzjoni li tat l-ilmentatrici bl-ebda mod ma giet kontradetta.

Barra minn hekk, kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz identiku ghal dak odjern,[17] il-fatt li investitur jiffirma dokument ma jfissirx li kien konsapevoli ta' dak li kien qed jigri.

L-Arbitru jara li l-verzjoni tal-ilmentatrici hija aktar kredibbli ghal dawn ir-ragunijiet.

Meta wiehed ihares lejn il-*File Note* jinduna li, kif inghad, hija pprintjatha b'tipi zghar hafna, hija *standard form* u fiha ezercizzju ta' ittikkjar ta' kaxxi. Il-kontenut taghha m'huwiex kif jghid Michael Schembri, xhieda ta' dak li gara. Hija gabra ta' *disclaimers* li, jigri x'jigri, il-provditur dejjem ghandu triq minn fejn johrog minnha. Ghalhekk, wahedha, ma tistax taghti stampa oggettiva ta' dak li gara.

Barra minn hekk, il-lingwagg uzat f'dan id-dokument ma kienx jaghmilha possibbli ghall-ilmentatrici li tifhem id-dicitura tieghu. U fejn tidhol relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, bhal dan il-kaz, huwa relevanti wkoll il-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fl-Artikolu 47 jistipula:

> *'F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur*

---

[16] *A fol.* 628
[17] *Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.*

*jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.'*

Il-*File Note* m'hijiex konformi ma' dan ir-rekwizit tal-ligi, l-aktar meta jitqies li l-ilmentatrici marret biss skola primarja u wara t-*Trade School* fejn tghallmet il-*crochet* u hadmet biss f'fabbrika; ta' sittax-il sena harget mill-iskola u wara li zzewget ta' 24 sena, baqghet tahdem id-dar.

Ma kinetx taf taqra bl-Ingliz. Dan juri li l-ilmentatrici ma setghetx tifhem il-kliem tekniku tad-dokumenti li giet mghoddija biex tiffirma u li fuqhom biss il-provditur tas-servizz qed jibbaza l-kaz tieghu.

Barra minn hekk, jidher ukoll li l-firma taghha ittiehdet b'mod ma tantx hu ortodoss u genwin. L-ilmentatrici xehdet hekk in-kontroezami:

'*Wara li urietni l-brochure bis-7% kbar marret f'kamra u giet u qaltli ghandek il-karti x'tiffirma. Nghid li dan id-dokument ma qratulix imma qaltli sempliciment biex niffirma.*

*Nghid li ffirmajt ghax din Noelene kienet tidher sinciera u qaltli li ma jistghux ifallu; urietni t-tieni pagna tal-brochure u wrietni l-awards, allura, jien iffirmajt.'*[18]

Din il-verzjoni tal-ilmentatrici mhi bl-ebda mod kontradetta ghaliex il-provditur tas-servizz ghazel li ma jtellax tixhed lil Noelene Mangion, li tatha biex tiffirma dawn id-dokumenti.

Dan il-prodott inbiegh fuq il-parir tal-provditur tas-servizz u dan johrog car mix-xhieda ta' Michael Schembri, li qal li s-servizz kien '*advisory*'. Ghalhekk kellu jsir dak li jissejjah '*suitability test*' skont ir-Regola 2.16 tal-i*Standard Licence Conditions* vigenti dak iz-zmien.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz kellu jistabbilixxi jekk il-prodott:

***'a. meets the investment objectives of the client in question;***

[18] *A fol.* 627

b. ***it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;***

c. ***it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.'***

L-Arbitru tal-konvinzjoni li dawn il-kriterji ma gewx sodisfatti ghal dawn ir-ragunijiet:

L-ilmentatrici tghid li hi ma ridetx tissogra l-kapital ghaliex:

> '*Jiena bl-aktar mod car insistejt u spjegajt lil Noelene Mangion li ma ridtx riskju u dan ghaliex li faddalt jien u zewgi ridna nwarrbuh ghall-edukazzjoni ghat-tifla taghna, Maria, li kienet appena dahlet is-6th Form u li kellha kull hsieb li tidhol l-Università. Noelene Mangion accertatni u serrhitli mohhi li dan il-prodott kien sikur u ma hemm l-ebda biza' li ser ifalli……'*

Il-prodott *de quo* ma kienx jiggarantixxi l-kapital u, ghalhekk, ma kienx jilhaq l-objettivi tal-ilmentatrici biex seta' jsir dan l-investiment.

Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li l-ilmentatrici kienet tiflah it-telf ta' dan l-investiment. Dwar il-*loss absorption capacity* tal-ilmentatrici il-provditur tas-servizz kien evaziv hafna waqt il-kontroezami, u meta jitqies li l-ilmentatrici kienet mara ma tahdimx u r-ragel taghha kien ibiegh il-haxix, u riedu l-flus biex binthom tkompli tistudja, il-provditur tas-servizz kien insensittiv meta investielha flusha f'dan il-prodott.

Ghalhekk, anke it-tieni kriterju ma giex sodisfatt.

Dwar it-tielet kriterju, jigifieri jekk l-ilmentatrici kellhiex '***the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction,***' jidher evidenti li l-ilmentatrici ma kellhiex dawn ir-rekwiziti. Il-fatt li kellha xi investimenti ohra zghar precedentement ghal dan il-prodott ma tahiex dik l-esperjenza biex tinvesti f''investiment kumpless u '*asset-backed security*', li l-provditur tas-servizz stess ammetta li qatt ma kellha qabel.

Jekk wiehed kellu jiehu wkoll il-livell ta' edukazzjoni li kellha zgur li ma setghetx tifhem id-dokumenti teknici marbuta ma' dan il-prodott u tifhem ir-riskji li kienu marbuta mieghu.

Kif qalet sew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[19] f'kaz identiku ghall-kaz odjern, fejn il-provditur tas-servizz kien qed ibeigh l-istess prodott, dan il-prodott qatt ma messu inbiegh mit-*Trade Fair,* kif anke gara f'dan il-kaz.

L-Arbitru huwa moralment konvint li l-mod kif inbiegh dan il-prodott, fejn il-provditur tas-servizz semma biss kemm kien tajjeb u anke li kien jiggarantixxi l-kapital, kif xehdet l-ilmentatrici mhix kontradetta, juri biss li l-provditur tas-servizz kellu biss l-animu li jbiegh il-prodott lil numru kbir ta' nies, ghaliex kieku ma kienx imur ibieghu mit-*Trade Fair* fejn soltu jinbieghu prodotti tal-konsum u mhux prodotti finanzjarji bhal dan il-prodott li kien jitlob spjegazzjoni dettaljata tar-riskji marbuta mieghu, kif intqal aktar kmieni f'din id-decizjoni meta saret l-analizi tal-prodott.

Barra minn hekk, kif anke ikkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[20] provditur tas-servizz ghandu jirrispetta l-aspettattivi tal-klijent u meta jitlob prodott b'kapital garantit ghandu jinghata dak li talab u mhux jinghata prodott li jkun qed jinbiegh mit-*Trade Fair* b'mod predeterminat li jinbiegh; u li jkun prodott kumpless u riskjuz kif kien dan il-prodott. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wkoll waslet ghall-istess konkluzjoni li kienet waslet ghaliha l-*MFSA* li dan il-prodott kien wiehed kumpless u riskjuz u ma kellux jinbiegh lil *retail clients*.[21]

Il-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru huwa simili hafna, jekk mhux identiku, ghal dak li ddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra l-istess provditur tas-servizz u, ghalhekk, dan isahhah il-konvinciment morali tal-Arbitru li dan il-prodott qatt ma messu inbiegh lill-ilmentatrici.

Dan kollu jwassal lill-Arbitru jikkonkludi li l-provditur tas-servizz m'agixxiex kif kellu jaghmel skont ir-Regolamenti, jigifieri:

---

[19] *Concetta Galea et vs GlobalCapital Finanial Management Ltd.,* 5/10/2018
[20] *Ibid.*
[21] *Ibid.*

> '*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients.'*[22]

Peress li l-ilmentatrici kienet '*retail client'*, kellha tinghata protezzjoni massima mill-provditur tas-servizz u joffrilha biss prodotti li kienu addattati u '*suitable*' ghaliha.

Kif digà intqal f'din id-decizjoni, skont ir-Regola 2.16 tal-*Investment Services Rules-Standarad Licence Conditions* (*ISR-SLC*) mahruga taht id-direttiva *MiFID*, il-prodott *de quo* ma kienx jissodisfa l-kriterji tas-*suitability assessment* u, fl-assjem tal-provi li ngabu quddiemu, l-Arbitru jikkonkludi li sar *misselling* tal-prodott.

B'hekk il-provditur tas-servizz kiser l-obbligi kuntrattwali tieghu li jagixxi fl-ahjar interessi tal-klijent, li joffri prodott idoneju ghall-htigijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ilmentatrici u, fuq kollox, jagixxi *in buona fede* u bhala missier tajjeb tal-familja fil-harsien tal-interessi taghha.

Dan il-kuntratt huwa wiehed specjali u regolat mill-qafas regolatorju tas-servizzi finanzjarji u, ghalhekk, provditur tas-servizz ghandu oneru akbar li jhares l-interessi tal-klijenti tieghu.

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni l-Arbitru jqis li l-ilment huwa gust ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentatrici investiet s-somma ta' €10,000 u hija irceviet is-somma ta' ta'€1,711.85,[23] u, ghalhekk, jibqalha tiehu s-somma ta' €8,288.15.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentatrici is-somma ta' tmint elef, mitejn u tmienja u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€8,288.15).**

---

[22] *ISR-SLC 2.01*
[23] *A fol.* 320-328

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**